MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 49/2005

Kawza fil-lista: 43

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' April 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu tliet (3) tfal, D, E u F, llkol minuri; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt

ghall-att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finjiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok ma jezistux l-estremi legali biex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi mahlul jew dikjarat null fit-termini tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pretensjoni li l-konvenuta agixxiet b' mod qarrieqi hija abbusiva u malafamanti ghax kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza li kienet mara li qaghdet u qdiet l-obbligi taghha matrimonjali fl-intier taghhom. Iz-zwieg ta' bejniethom huwa wiehed validu. Kull ma jrid l-attur hu li jipprova jehles mill-obbligi tieghu naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino tal-15 ta' Dicembru, 2003 li kopja tieghu qieghda tigi annessa bhala Dokument A.

2. Illi dato ma non concesso li hemm lok li z-zwieg jista' jigi dikjarat null, zgur mhux minhabba tortijiet tal-konvenuta u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Kien l-attur li f' dawn l-ahhar erba (4) snin minghajr raguni valida wera addirittura non kuranza u abbandun tal-obbligi matrimonjali tieghu mhux di fronte tal-attrici biss izda anke tal-ulied. Tant huwa minnu dan, li fi klawsola erba (4) tal-kuntratt sudett l-attur, ghall-inqas sa fejn jirrigwarda

separazzjoni, assuma li t-tkissir taz-zwieg kien tort tieghu u dan bl-accettazzjoni da parti tieghu li ddekada minn kull xorta ta' manteniment. Kwindi jfisser li t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu peress li huwa kostruwiti fuq premessi li z-zwieg ghandu jigi annullat bi htijiet unici tal-konvenuta meta mhux biss mhux il-kaz, talli huwa ghall-kuntrarju.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit dato ma non concesso li z-zwieg jigi annullat, dina l-Qorti ghandha tiddikjara li l-manteniment lill-mara ghandu jibqa' jigi somministrat ai termini tal-artikolu hamsa (5) u hdax (11) tal-kuntratt ta' separazzjoni in omagg tal-principju "pacta sunt servanda" jew de minimis tapplika l-effetti tal-artikolu 20(5) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt li z-zwieg jewkk se mai ghandu jigi dikjarat null zgur b' tortijiet tal-attur stess u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fl-1 ta' April 1989 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta ssostni l-validita' taz-zwieg u li ma jezistux l-estremi li jwasslu ghan-nullita' tieghu. Dawn huma l-parametri ta' l-azzjoni kif proposta mill-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Arpil 1989 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien kwazi sitt [6]

snin. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal li llum ghandhom 17, 11 u 5 snin rispettivament. Illi fil-15 ta' Dicembru 2003, wara konvivenza matrimonjali ta' tlettax-il sena, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, u llum il-partijiet qed jghixu separatament, bil-konvenuta tghix ma' omma flimkien ma' uliedhom.

Illi in sostanza l-ilment ta' l-attur huwa li l-konvenuta, anke meta kienet gharusa, ma kienitx tghidlu l-verita' u f' dak iz-zmien kien jissuspetta li kienet infidila lejh. Huwa jghid li ma kienx jizzewweg li kieku l-konvenuta ma hargitx tqila qabeliz-zwieg "ma kontx ser ninghaqad fiz-zwieg [maghha]"[1] u qabel ma hadu d-decizjoni li jizzewwgu "kien hemm pressjoni mill-familjari taghna sabiex nizzewwgu" l-aktar min naha ta' omm il-konvenuta. Di fatti meta zzewwgu l-konvenuta kellha tlett xhur tqala. In kontro ezami l-attur jghid li, ghalkemm kellhom tlett-it tfal, "imma dejjem bil-glied, qatt m' ghamilna [zmien] komdi, dejjem bil-glied"[2] u jsostni li "ahna qatt ma konna tajjeb".[3] Izda fl-istess affidavit tieghu l-attur jddeskrivi l-konvivenza matrimonjali hekk: "Ahna domna mizzewwgin ghal erbatax [14] il-sena …. Tul iz-zwieg taghna r-relazzjoni ta' bejnietna kienet wahda piuttost tajba".

Huwa jghid li r-relazzjonijiet intimi bejniethom komplew "ghax ahna qatt ma ggilidna u morna f' kamra, xorta konna norqdu fl-istess sodda."[4]

L-attur jghid li huwa ma kienx jafda lill-konvenuta u kien ikollna "xi argumenti" dwar dan. Kienet il-konvenuta li talbet is-separazzjoni u "kelli nerga' nsir naf illi hi kellha relazzjoni ma' ragel iehor li ghadha mieghu sallum".

Illi l-konvenuta minn naha taghha tichad li hi ghandha relazzjoni extra matrimonjali, u ssostni li llum qeda tghix ma' ommha bit-tfal taghhom. Fl-affidavit[5] taghha il-konvenuta tghid li l-inkwiet matrimonjali bejniethom beda

---

[1] Aff. 28 *et seq.*
[2] Dep. fol.64
[3] Ibid. fol.66
[4] Ibid. fol.68
[5] Fol.56 *et seq.*

wara circa 13-il sena ta' konvivenza matrimonjali meta l-attur beda johrog wahdu bil-lejl u xi familjari kienu rrapurtawlha li kien qed ikun ma' mara ohra. Sussegwentement, wara li l-konvenuta kienet marret, ma' ohtha, fuq post indikat lilha hija ratu fil-kumpanija ta' mara ohra, id f' id, jizfen u jitghannaq maghha. Ghalhekk dak il-hin inqala' l-inkwiet bejniethom, il-konvenuta hafritlu b' tentattiv biex issalva z-zwieg; izda sussegwenement kien rega' beda johrog wahdu u jdum barra sa filghodu.

Meta l-konvneuta rat li l-attur baqa' jinsisti fuq din it-tip ta' hajja, hija talbet is-separazzjoni u fil-fatt gie ffirmat l-kuntratt precitat li l-klawsola [4] taqra testwalment hekk:"Ir-Ragel jiddikjara illi minhabba verifika ta' imgieba illi skond il-ligi timporta d-dekadenza mid-dritt[6] tieghu illi jitlob jew jircevi manteniment minghand il-mara, huwa ddekada minn tali dritt." Filwaqt li, fil-klawsola sussegwenti, l-attur obbliga ruhu li jghaddi lil martu s-somma ta' Lm80 fix-xahar bhala manteniment ghaliha.

Il-konvenuta tghid ukoll li meta skopriet li hi kienet tqila qabel iz-zwieg, l-attur kien "ferhan ser jtir" u li huma diga' kellhom pjan taz-zwieg, u kienu marru wkoll il-kors ta' Kana. Hija tishaq fuq il-fatt li qabel ma nqala' l-inkwiet kreat mill-infedelta' ta' zewgha, "nirrepeti illi ghal aktar minn 12- il sena z-zwieg taghna kien kollox sew tant li matul dan iz-zmie ahna kellha tlett-it tfal li lkoll ridnihom u gew bl-imhabba taghna."[7] U li l-inkiwet beda "biss f' xi 2002 meta zewgi beda johrog wahdu u beda jiffrekwenta nisa ohra; u ghadu jaghmel hekk sallum. Dan l-ahhar rajtu ma' mara marokkina."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hi tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-konvenuta, anke ghaliex il-versjoni taghha, apparti milli hi korroborata minn ohtha, hija aktar konfacenti mal-fatti provati.

---

[6] Fol.17
[7] Fol.56

Illi l-attur jibbaza l-azzjoni tieghu fuq zewg kawzalijiet, wahda bazata fuq il-caput nullitatis kontemplat fil-paragragu [f] “u” l-l-ohra bazata fuq dik kontemplata fil-paragrafu [d]. Illi, ghalkemm kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza nostrana li dawn iz-zewg *capita nullitatis* legalment ma jistghux jikkoezistu, ghax parti ma tistax teskludi dak li ma tgharafax, din il-Qorti xorta ser tghaddi ghall-ezami ta’ l-istess fl-ordni kif elenkati fl-att tac-citazzjoni.

Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq is-simulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f]. Skond dan il-*caput nullitatis*, l-attur jattribwixxi lil martu l-esklusjoni posittiva, taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-obbligi matrimonjali essenzjali, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu huwa jsemmi bhala ragunijiet ghal din il-kawzali, is-suspetti ta’ infedelta’ tal-konvenuta fiz-zmien l-gherusija, ic-cirkostanzi li ppressawh sabiex jizzewweg lill-konvenuta, l-ghaggla li bihom saru l-preparattivi ghaz-zwieg;  u jghid li fil-fehma tieghu “dawn il-fatturi jinkwadraw ruhhom f’ dak kontemplat fil-paragrafu [d] u fis-sub inciz [f] “in kwantu l-kunsens <u>tal-partijiet</u> [sic] inghata bl-eskluzjoni posittiva” kif fuq indikat.

In propositu l-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta li waqt l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta ekludiet internament b’ att posittiv tal-volonta’ taghha xi obbligu matrimonjali essenzjali ghaz-zwieg jew d-dritt ghall-att taz-zwieg.  Anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju, ghax ghal tnax il-sena shah il-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet kienet, fi kliem l-istess attur “wahda piuttost tajba”.[8]  Il-partijiet ghandhom tlett-it tfal b’ intervali ta’ hames u erba snin, u tant il-konvenuta riedet li ssalva z-zwieg taghhom li anke wasslet li hafritlu l-ewwel darba li ratu fil-kumpanija ta’ mara ohra, f’ atteggjament kunfidenzjali.  Altru milli l-konvenuta eskludiet l-obbligi matrimonjali !;  anzi ghamlet hilitha biex issalva l-istess zwieg li ghal zmien twil kien miexi minghajr problemi rilevanti u r-relazzjoni bejniethom kienet “wahda piuttost tajba”.

---

[8] Supra

Inoltre, jigi rilevat li rigward is-suspetti li l-attur kellu waqt l-gherusija, apparti mill-fatt li ma jirrizultax provat sodisfacentment li f' dak iz-zmien il-konvenuta kienet infidila lejh, il-fatt jibqa' li hu baqa' mal-konvenuta, allura gharusa tieghu, u kien ikollu x' jaqsam maghha wkoll, tant li qabel iz-zwieg l-istess konvenuta harget tqila minnu.

Ghaldaqstant din il-kawzali tirrizulta manifestament infondata.

Illi it-tieni kawzali hi bazata fuq il-paragrafu [d] li jikkontempla l-caput nullitatis ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga da parti tal-konvenuta, kif ukoll l-anomalija psikologika serja li kienet taghmilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijniet essenzjali ghaz-zwieg.

In propositu l-Qorti tosserva li anke dan il-caput nullitatis fl-intier tieghu, manifestament ma jirrizultax. Ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta kienet affetta mill-inkapacita' psikika li tgharaf id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajjat matrimonjali, jew li kienet immatura fi grad tant qawwi li kienet priva minn certu dixxerniment tal-import tal-hajja konjugali, jew li kienet affett minn nuqqas ta' maturita' affettiva. Il-provi juru proprju l-kuntrarju. Kemm it-tul tal-konvivenza matrimonjali [12- il sena] qabel ma' nqala' l-inkwiet, kemm il-fatt li matulha r-relazzjoni tal-konvenuta ma' zewgha l-attur kienet, fi kliem l-attur "wahda piuttost tajba", kif ukoll il-fatt konsegwenzjali li matulha twieldu tlett-it tfal b' interval ta' zmien rilevanti, jinnewtralizzaw dan il-caput nullitatis attribwit lilha mill-attur, u jikkonfortaw bis-shih il-versjoni tal-fatti kif esposti mill-konvenuta

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ma treggix u timmerita li tigi michuda; filwaqt li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, li ma jezistux l-estremi legali li jwasslu ghall-annullament taz-zwieg, tinsab sostnuta mill-provi u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvneuta, u tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------